MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1302/2005

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Monica u George konjugi Pace
(ID 861547M, 224952M)**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ erba’ mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm488.38c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21318305.

Illi nterpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas, il-konvenuti baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni. Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra illi l-konvenuti, debitament notifikati, ma kkontestawx it-talba attrici.

Sema' lil Dr Keith Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm488.38c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------